MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 334/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**
**Vs**

**Salvina Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Settembru, 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisha jew fixklet lil Joseph Scerri fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor kontra il-ligi, ndahlet fi hwejjeg ta' Joseph Scerri, billi bidlet is-serratura tal-bieb tal-fond St. John, Flat B, Triq l-Orsolini, Pieta' u b'hekk fixklet lil Joseph Scerri fil-pussess u l-uzu tal-fond imsemmi

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Novembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata hatja w ikkundannata ghal canfira w ordnatilha li tnehhi l-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta’ zewg liri Maltin (LM2) kull jum fin-nuqqas.
In oltre, b’applikazzjoni tal-artikolu 383 l-imputata ghandha tobbliga ruhha li zzomm il-kwiet mall-istess Joseph Scerri w li zzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kullhadd u jekk b’xi mod li jkun tonqos minn din l-obbligazzjoni, tobbliga ruhha li thallas is-somma ta’ hamsin lira Maltin (LM50) penali ordnata bid-decizzjoni hawn fuq imsemmija, li ghandha tibqa fis-sehh ghal perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 2005, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni htija jew piena. Alternattivament, jekk dina l-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm piena, qed tigi mitluba bir-rispett, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena iktar ekwa ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti u cioe :-**

**1. Illi l-ewwel u qabel kollox dak allegat mill-istess kwerelat Joseph Scerri ma kien minnu xejn u dan peress li l-imputata taf li r-ragel taghha jivvinta inkwiet u li dak li allega ma kienx minnu. Illi di piu’, kien l-istess kwerelat Joseph Scerri minn rajh li hareg u abbanduna d-dar matrimonjali u mar joqghod San Pawl b’abbuz kbir liema haga timmilita kontrih.**

**2. Illi n-nuqqas ta’ konsistenza da parti ta’ l-istess kwerelat jispikka meta, waqt li kien qed jixhed hu stess kien xehed li: *“propjament m’hux f’Settembru”* liema haga urtat lill-istess Magistrat fejn ghamel**

**osservazzjoni f'dan ir-rigward u li turi nuqqas ta' konsistenza da parti ta' Joseph Scerri stess.**

**3. Illi hu ta' rilevanza f'dan il-kaz il-fatt li l-istess Joseph Scerri irrefera ghall-persuna fejn jindika li kien rah b'ghajnejh ibiddel is-serratura, meta l-persuna in kwistjoni kienet ilha mejta! Illi dan il-punt juri b'mod car li l-istess Joseph Scerri kien xehed xjentement falz purament biex jaghmel hsara lill-martu ghax jaf li zbalja.**

**4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu rilevanti li jigi ndikat jekk fil-fatt s-sentenza tregi. Illi dan qed jinghad stante li hawn si tratta ta' komunjoni tal-akkwisti w se mai in mankanza ta' digriet u/jew sentenza, l-esponenta ghandha dubbju serju jekk din l-akkuza tista' issir fil-konfront taghha.**

**5. Illi di piu', qed jirrizulta b'mod car li anki l-elementi tant necessarji biex persuna tkun tista' tigi akkuzata w kkundannata taht** sezzjoni 85 **ta' Kodici Kriminali avveraw ruhhom liema kundizzjoni hi tant necessarja biex wiehed ikun jista' jigi kkundannat f'dan ir-rigward. Illi s-sitwazzjoni timmilita favur l-istess kwerelanta meta fil-komparixxi, l-anqas ma hemm riferenza ghal liema sezzjoni qed tigi akkuzata, liema haga hi necessarja fil-kamp kriminali.**

**Semghet ix-xhieda tal-kwerelant fis-seduta tal-lum.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-lum li bih il-kwerelant iddikjara li fil-prezent jinsab fil-pussess tac-cavetta tal-bieb principali tal-flat tad-dar konjugali w li bih l-appellanti ddikjarat illi mhux sejra taghmel l-ebda opposizzjoni lill-kwerelant biex jidhol liberament fl-istess dar.**

**Ikkonsidrat :**

**Illi mix-xhieda ta' Joseph Scerri, parte civile f'din il-kawza, ma rrizultawx l-elementi tar-reat ta' ragon fattasi addebitat lill-appellanti, u ghalhekk l-appell jidher li ghandu jigi milqugh.**

**Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata b'mod li l-appellanti qed tigi liberata minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------